MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 841/2003

Avviz Numru 841/03AJD
Pater Finance Co. Ltd

Vs

Duncan Muscat

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi, prezentat fil-25 ta' April 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hames mija u sitta u erbghin lira maltin (Lm546.00), rapprezentanti import ta' hames kambjali wahda ta' Lm70 (bilanc) u erbgha ta' Lm119 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2002 sa April 2003 rispettivament u mhux

imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 5 konsekuttivament u inklusivament.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2003 jammontaw ghal Lm11, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm6 tal-konsult legali kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta'a ttrici fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------